



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 16.10.2013  
SWD(2013) 431 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**PROPOSTA GĦAL DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità fid-dawl tal-implimentazzjoni sal-2020 ta' ftehim internazzjonali li japplika miżura globali unika bbażata fuq is-suq għal emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali**

{COM(2013) 722 final}

{SWD(2013) 430 final}

# DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

## SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

### *Li jakkumpanja d-dokument*

#### PROPOSTA GĦAL DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità fid-dawl tal-implimentazzjoni sal-2020 ta' ftehim internazzjonali li japplika miżura globali unika bbażata fuq is-suq għal emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali**

#### 1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

##### 1.1. Applikazzjoni insuffiċjenti ta' miżuri bbażati fuq is-suq biex jindirizzaw it-kabbir b'saħħtu ta' emissjonijiet fl-avjazzjoni internazzjonali

L-UE hija impenjata bis-sħiħ biex tikseb l-oġettiv klimatiku li tiġi limitata ż-żieda tat-temperatura medja globali għal inqas minn 2 gradi Celsius aktar mil-livelli preindustrijali. Għal dan il-għan, waħda mill-miri prinċipali tal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv hija li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mill-inqas 20 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-avjazzjoni se tikkontribwixxi b'mod essenzjali għal dan l-impenn.

Skont l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, l-emissjonijiet globali tas-CO<sub>2</sub> mill-avjazzjoni ċivili attwalment jammontaw għal madwar 2.5 % tal-emissjonijiet totali tas-CO<sub>2</sub>. Għall-ġejjieni, l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) tbassar li sal-2036 l-emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali se jiżdiedu bejn 155 % u 300 % meta mqabbla mal-2006, skont il-livell ta' titjib teknoloġiku u operazzjonali. Is-sehem tal-emissjonijiet totali tas-CO<sub>2</sub> fl-avjazzjoni internazzjonali huwa mistenni li jilħaq mill-inqas 1-4 % sal-2050, mingħajr ma tittieħed l-ebda miżura ta' mitigazzjoni addizzjonali.

Minħabba li l-potenzjal għat-tnaqqis tal-emissjonijiet minn teknoloġiji u Prattiki operazzjonali ġodda huwa limitat fis-settur tal-avjazzjoni, huwa neċessarju li jintużaw miżuri bbażati fuq is-suq (MBM) biex jiġi żgurat li l-avjazzjoni tikkontribwixxi s-sehem ġust tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet globali. Il-miżuri bbażati fuq is-suq jippermettu li s-settur tal-avjazzjoni jipatti għaż-żieda b'saħħitha fl-emissjonijiet permezz ta' finanzjament għat-tnaqqis tal-emissjonijiet f'setturi oħra bi spejjeż aktar baxxi.

L-UE kienet minn ta' quddiem fl-implimentazzjoni tal-miżuri bbażati fuq is-suq bl-inklużjoni ta' attivitajiet tal-avjazzjoni fis-Sistema tagħha għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (EU ETS). Minkejja l-effetti ambjentali pożittivi tagħha bi spejjeż ekonomiċi baxxi, l-implimentazzjoni tal-EU ETS kellha taffaċċa oppożizzjoni internazzjonali sinifikanti (ara t-taqsim 1.2.1). Għadd ta' Stati opponew għall-EU ETS għax allegaw li se tkopri sehem kbir wisq ta' emissjonijiet internazzjonali u li l-UE ma jkollha l-ebda kompetenza li tobbliga lill-operaturi minn pajjiżi terzi biex jipparteċipaw fl-EU ETS. Madankollu, dawn id-dikjarazzjonijiet ġew miċħuda mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ).

Irrispettivament mill-oppożizzjoni internazzjonali, peress li l-EU ETS tkopri biss madwar 50 % tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali, mhux se tkun biżżejjed biex twaqqaf minn qabel it-kabbir globali b'saħħtu tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni. Għalhekk, anke bl-EU

ETS fis-seħħ, se jkun għad fadal "lakuna" globali fil-kopertura tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali minħabba li l-ebda reġjun ieħor, għajr l-UE, ma implimenta l-miżuri bbażati fuq is-suq.

L-adozzjoni insuffiċjenti tal-miżuri bbażati fuq is-suq u l-oppożizzjoni b'saħħitha kontra l-EU ETS ġew ikkawżati bin-nuqqas ta' ftehim politiku globali: s'issa għad ma kienx possibbli li jiġi stabbilit impenn ċar għall-iżvilupp ta' miżura globali bbażata fuq is-suq fl-ICAO u lanqas ma ntlaħaq ftehim fuq prinċipji ġeneralment aċċettati għall-implimentazzjoni ta' miżuri reġjonali bbażati fuq is-suq, bħall-EU ETS.

## **1.2. Azzjoni tal-UE f'ambjent internazzjonali diffiċli**

### *1.2.1. Integrazzjoni tal-avjazzjoni fis-Sistema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (EU ETS)*

Id-Direttiva 2008/101/KE emendat id-Direttiva 2003/87/KE dwar l-EU ETS biex tinkludi l-avjazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS:

- Parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) – inklużi l-Islanda, in-Norveġja u l-Liechtenstein.
- Kopertura tal-emissjonijiet totali minn titjiriet li jtilqu u jaslu f'ajrudromi taż-ŻEE (minn hawn 'il quddiem imsejħa "titjiriet fiż-ŻEE") u minn titjiriet li jtilqu minn ajrudromi taż-ŻEE għal pajjiżi terzi jew jaslu f'ajrudromi taż-ŻEE minn pajjiżi terzi (minn hawn 'il quddiem imsejħa "titjiriet lil hinn miż-ŻEE")
- Emissjonijiet limitati għal 95 % tal-emissjonijiet medji storiċi tal-avjazzjoni mill-2004 sal-2006.
- Obbligu għall-operaturi tal-inġenju tal-ajru li fl-2010 jibdwew ir-rappurtar tal-emissjonijiet u li jikkonformaw bis-siġħ mas-sistema – inkluż ir-restituzzjoni tal-kwoti – mill-2012 'il quddiem.

Madankollu, l-inklużjoni ta' titjiriet minn pajjiżi terzi u lejhom fl-EU ETS iltaqgħet ma' oppożizzjoni internazzjonali b'saħħitha:

- L-Assoċjazzjoni tat-Trasport bl-Ajru tal-Amerika (ATA) u l-linji tal-ajru ewlenin tal-Istati Uniti kkontestaw il-legalità tal-EU ETS billi, fost l-oħrajn argumentaw li, l-applikazzjoni tal-EU ETS għal dawk il-partijiet ta' titjira li jseħħu barra l-ispażju tal-ajru tal-pajjiżi taż-ŻEE tmur kontra d-dritt internazzjonali konswetudinarju. Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ċaħdet dawk id-dikjarazzjonijiet u kkonfermat li l-UE kellha l-kompetenza li testendi l-EU ETS għad-distanza kollha tat-titjiriet li jtilqu jew jaslu f'ajruporti tal-UE.
- L-hekk imsejħa "koalizzjoni ta' dawk li ma jridux l-EU ETS" – inklużi, fost l-oħrajn, iċ-Ċina, l-Indja, ir-Russja u l-Istati Uniti – ffirmaw żewġ dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni għall-EU ETS fejn allegaw li din tmur kontra l-liġi internazzjonali u ma għandhiex tapplika għall-operaturi tal-inġenju tal-ajru rreġistrati fil-pajjiżi tagħhom.
- Mill-2011 s'issa, il-linji tal-ajru kontinentali Ċiniżi u l-biċċa l-kbira tal-linji tal-ajru Indjani ma kkonfermawx mal-EU ETS.
- Fl-2012, il-Kungress tal-Istati Uniti għadda l-Att dwar il-Projbizzjoni tal-Iskema għan-Negozjar ta' Emissjonijiet ("Thune Bill") li jippermetti li l-Amministrazzjoni tal-Istati Uniti, wara konsultazzjoni pubblika, toħroġ ordni li l-linji tal-ajru rreġistrati fl-Istati Uniti ma għandhomx jikkonformaw mal-EU ETS. S'issa għada ma ġiet proposta l-ebda ordni bħal din.

### *1.2.2. Żviluppi riċenti fit-tnejn għall-Assemblea tal-ICAO tal-2013*

L-UE għandha storja b'saħħitha ta' multilateraliżmu u b'mod kontinwu ppruvat tmexxi 'l quddiem l-azzjoni tal-ICAO dwar il-miżuri bbażati fuq is-suq. Sabiex jiġu ffaċilitati n-negozjati fit-tnejn għall-Assemblea tal-ICAO tal-2013, l-UE adottat id-Deċiżjoni Nru 377/2013/KE li "twaqqaf l-arloġġ" biex b'mod temporanju tipposponi l-infurzar tal-obbligi ta' konformità tal-EU ETS għal titjiriet minn u lejn il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi terzi għall-2012.

Din ħolqot momentum għall-Assemblea tal-ICAO tal-2013 biex timxi 'l quddiem fl-iżvilupp ta' miżura globali bbażata fuq is-suq u fuq ftehim dwar qafas ta' miżuri nazzjonali u reġjonali bbażati fuq is-suq (minn hawn 'il quddiem "Qafas ta' miżuri bbażati fuq is-suq") li se japplikaw sakemm fl-2020 tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq.

- Proposta tal-UE dwar pjan direzzjonali għal miżura globali bbażata fuq is-suq

L-Istati Membri tal-UE pproponew li l-Assemblea tal-ICAO tal-2013 għandha tiddeċiedi dwar pjan direzzjonali vinkolanti għall-iżvilupp ta' miżura globali bbażata fuq is-suq. Il-ħidma fuq l-elementi ta' disinn għal miżura globali bbażata fuq is-suq għandha titlesta mill-Assemblea tal-ICAO fl-2016 u għandha tiġi implimentata sal-2020.

Fit-3 ta' Ġunju 2013, il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA) approvat riżoluzzjoni b'maġġoranza assoluta favur dan il-pjan direzzjonali għal miżura globali bbażata fuq is-suq.

- Kompromess dwar il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku għal miżura reġjonali jew nazzjonali bbażata fuq is-suq

Il-Qafas ta' miżuri bbażati fuq is-suq għandu jipprovdi gwida biex jiżgura l-applikazzjoni konsistenti ta' miżuri nazzjonali u reġjonali bbażati fuq is-suq. Kwistjoni ewlenija hija relatata mal-kopertura tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali skont miżura nazzjonali jew reġjonali bbażata fuq is-suq. Ħafna Stati Membri tal-ICAO jippreferu Qafas ta' miżuri bbażati fuq is-suq biex jillimita l-miżura reġjonali bbażata fuq is-suq għall-emissjonijiet fir-reġjun inkwistjoni. Fl-ispirtu ta' kompromess u peress li l-livell ta' ambizzjoni għall-miżura bbażata fuq is-suq huwa għoli, l-Istati Membri tal-UE esprimew il-ftuħ tagħhom għal kopertura ġeografika mnaqqsa minn qabel għal skemi reġjonali tal-applikazzjoni ta' miżura globali bbażata fuq is-suq fl-2020.

### *1.2.3. Riżultat tal-Assemblea tal-ICAO tal-2013*

Fl-2020, l-Assemblea tal-ICAO adottat il-pjan direzzjonali propost għal miżura globali bbażata fuq is-suq. Madankollu, ma ntlaħaq l-ebda kompromess dwar il-gwida għal miżuri reġjonali bbażati fuq is-suq li għandha tiġi applikata. L-Istati Membri tal-UE irrifjutaw - bħal fl-Assemblej tal-ICAO preċedenti - id-dikjarazzjoni minn Stati oħra li miżura reġjonali bbażata fuq is-suq trid tkun suġġetta għall-ftehim ta' dawk l-Istati li l-linji tal-ajru tagħhom joperaw fl-Istati li japplikaw il-miżura bbażata fuq is-suq.

## **1.3. Xenarju ta' referenza: Kontinwazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni kollu tal-EU ETS**

Anke jekk l-EU ETS titfa' biss spejjeż żgħir fuq l-operaturi tal-inġenju tal-ajru u l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kkonfermat b'mod ċar il-legalità tal-kopertura tat-titjiriet kollha li jtitliq u jastru, wieħed ma jistax jistenna li l-oppożizzjoni internazzjonali se tieqaf jekk l-EU ETS titkompla fil-kamp ta' applikazzjoni kollu tagħha. Għalhekk, l-applikazzjoni tal-EU ETS fil-kamp ta' applikazzjoni kollu tagħha mill-2013 'il quddiem, tista' tkun ta' riskju biex tostakola n-negozjati futuri tal-ICAO dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-miżuri bbażati fuq is-suq.

## 2. OBJETTIVI

L-objettiv ġenerali – biex jiġi żgurat il-kontribut tas-settur tal-avjazzjoni fit-tnaqqis tal-impatti tat-tibdil fil-klima – ma nbidilx mill-integrazzjoni tal-avjazzjoni fl-EU ETS. Barra minn hekk, bħala l-aqwa proponent ta' azzjoni multilaterali, l-UE poġġiet il-kooperazzjoni internazzjonali u s-soluzzjoni globali fuq quddiem tat-tfassil ta' politika tagħha.

L-objettivi speċifiċi huma maqsuma fi tnejn:

- L-iffaċilitar tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni sal-2020 ta' miżura globali bbażata fuq is-suq li tkopri l-emissjonijiet kollha mill-avjazzjoni internazzjonali;
- Il-kontinwazzjoni min-naħa tal-EU ETS biex tkopri l-emissjonijiet mit-titjiriet kollha li jtilqu jew jaslu fiż-ŻEE, sakemm tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq fl-2020.

Ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika jikkonfermaw li l-partijiet interessati kollha – l-industrija, l-awtoritajiet pubbliċi u l-NGOs – jaqblu ħafna dwar l-użu ta' miżuri bbażati fuq is-suq fis-settur tal-avjazzjoni.

L-għażliet għall-emendi tal-EU ETS wara l-Assemblea tal-ICAO tal-2013 għandhom jiffukaw fuq l-objettivi operazzjonali li ġejjin:

- konservazzjoni tal-effettività ambjentali
- ma tonqosx il-kompetittività tas-settur tal-avjazzjoni
- konservazzjoni ta' kundizzjonijiet indaqs fis-suq intern għall-avjazzjoni
- limitazzjoni tal-ispejjeż amministrattivi addizzjonali
- tiġi żgurata il-koerenza mal-liġi internazzjonali u mar-riżoluzzjonijiet mhux vinkolanti tal-Assemblea tal-ICAO, safejn ikunu konsistenti mad-dikjarazzjonijiet tal-UE dwar riżoluzzjonijiet bħal dawn.

L-effettività ambjentali, l-ispejjeż amministrattivi baxxi u l-aċċettabbiltà politika huma l-kunsiderazzjonijiet ewlenin li l-partijiet interessati ressqu waqt il-konsultazzjoni pubblika.

## 3. GĦAŻLIET TA' POLITIKA

Kif iddikjarat fid-Deċiżjoni li "twaqqaf l-arloġġ" (ara t-taqsim 1.2.2), l-UE wara l-Assemblea tal-ICAO tal-2013 se tqis jekk humiex meħtieġa t-tibdiliet tal-EU ETS biex ikun hemm interazzjoni ottimali bejn ir-riżultati tal-EU ETS u l-Assemblea tal-ICAO.

### 3.1.1. *Kamp ta' applikazzjoni kollu tal-EU ETS*

Kontinwazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni kollu tal-EU ETS tfisser li l-operaturi tal-inġenju tal-ajru jibqgħu responsabbli għall-emissjonijiet kollha minn titjiriet li jtilqu minn jew jaslu f'ajruporti taż-ŻEE.

### 3.1.2. *Għażla ibrida*

Skont il-proposta għal Qafas ta' miżuri bbażati fuq is-suq li kien appoġġat mill-pajjiżi prinċipali tal-avjazzjoni fit-tħejjija tal-Assemblea tal-ICAO tal-2013, iżda li eventwalment ma ntlaħaqx ftehim dwaru waqt l-Assemblea, miżura reġjonali bbażata fuq is-suq għandha tkun ibbażata fuq il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku li ġej:

- Kopertura sħiħa tal-emissjonijiet mit-titjiriet kollha li jaslu u jtilqu fi grupp ta' Stati, flimkien ma'

- Proporzjon tal-emissjonijiet minn titjiriet li jaslu minn jew jitolqu lejn pajjiżi terzi barra mill-grupp ta' Stati, f'relazzjoni mad-distanza totali vjaġġata tul żoni assoċjati mal-grupp ta' Stati (eż. għal titjira bejn Pariġi u Bejġing, l-EU ETS tkopri d-distanza fuq l-Istati taż-ŻEE minn u lejn il-fruntiera ta' pajjiż terzi, f'dan il-każ ir-Russja).

Jekk l-EU ETS hija allinjata ma' dan il-kamp ta' applikazzjoni, se jkun possibbli li tinżamm kopertura sħiħa tal-emissjonijiet minn titjiriet fiż-ŻEE iżda l-kopertura tal-emissjonijiet minn titjiriet lil hinn miż-ŻEE se jonqos bi proporzjon tad-distanza vjaġġata fiż-ŻEE (minn hawn 'il quddiem "l-għażla ibrida"). Jeżistu diversi approċċi fir-rigward tal-kopertura ta' distanzi vjaġġati fuq il-baħar (eż. il-baħar territorjali li jestendi sa 12-il mil nawtiku (nm) minn mal-kosta, jew iż-Żona Ekonomika Esklużiva (EEZ) li testendi sa 200 mil nawtiku minn mal-kosta).

### 3.1.3. *Għażliet alternattivi*

Minbarra l-għażla ibrida, tqiesu wkoll l-għażliet alternattivi li ġejjin:

- L-għażla tat-titjiriet li jkunu se jitolqu: Huma koperti biss it-titjiriet kollha fiż-ŻEE u t-titjiriet li jkunu se jitolqu għal pajjiżi mhux fiż-ŻEE. Dan l-approċċ kien il-proposta inizjali tal-UE għall-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-Qafas ta' miżuri bbażati fuq is-suq iżda ġie rrifjutat minn għadd kbir ta' Stati Membri tal-ICAO.
- L-għażla ta' nofs bin-nofs: Kif muri fil-konsultazzjonijiet pubbliċi, il-maġġoranza tal-NGOs ambjentali huma favur il-limitazzjoni tal-kopertura tal-EU ETS għal 50 % tat-titjiriet li jitolqu u jaslu għal titjiriet lil hinn miż-ŻEE. Madankollu, din l-għażla qatt ma ġiet diskussa fl-ICAO.
- Eżenzjoni ġenerali tat-titjiriet lil hinn miż-ŻEE (simili għad-Deċiżjoni li "twaqqaf l-arloġġ") li tkopri biss it-titjiriet fiż-ŻEE.
- L-għażla upstream: Bl-għażla ta' sistema upstream, il-fornituri tal-fjuwil ikunu l-entità ta' konformità minflok l-operaturi tal-inġenju tal-ajru. Din l-għażla se jkollha kopertura ta' emissjonijiet simili għall-għażla ta' titjiriet li jkunu se jitolqu minħabba li l-fornituri tal-fjuwil jirrestitwixxu kwoti li jikkorrispondu għall-fjuwil mibjugħ lill-ajruporti fiż-ŻEE. Sabiex jiġi evitat il-qligħ mhux mistenni għall-fornituri tal-fjuwil, mhux se jingħataw kwoti mingħajr ħlas iżda l-kwoti kollha se jiġu rkantati.

## 4. VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

### 4.1. **Impatt ambjentali**

L-għażliet ibridi u alternattivi jnaqqsu l-kopertura tal-emissjonijiet minn firxa ta' 25 % għal 62 % meta mqabbla mal-kopertura tal-emissjonijiet skont il-kamp ta' applikazzjoni kollu tal-EU ETS (ara t-Tabella 1).

### 4.2. **Impatt ekonomiku**

#### 4.2.1. *Kompetittività*

L-għażliet ibridi u alternattivi – bl-eċċezzjoni tal-għażla upstream – itejbu l-kompetittività ġenerali tas-settur tal-avjazzjoni meta mqabbla mal-kamp ta' applikazzjoni kollu tal-EU ETS peress li l-kopertura mnaqqsa twassal għal prezzijiet iktar baxxi għal titjiriet lil hinn miż-ŻEE. Minħabba l-kanċellazzjoni tal-kwoti mingħajr ħlas, l-għażla upstream twassal għal prezzijiet oġhla għal titjiriet fiż-ŻEE.

#### 4.2.2. *Kundizzjonijiet indaqs għall-kompetizzjoni*

L-għażliet kollha ta' politika għandhom kundizzjonijiet indaqs għas-swieq ta' akkoppjamenti ta' bliet rilevanti minħabba li l-operaturi kollha huma trattati bl-istess mod, irrispettivament minn nazzjonalità jew minn kwalunkwe karatteristika oħra. F'każ li s-servizzi bla waqfien huma wkoll f'kompetizzjoni ma' servizzi li jiefqu f'ċentru mhux fiż-ŻEE (eż. fuq rotta minn Londra għal Singapor b'waqfa possibbli f'Dubai) l-għażla ibrida tevita li jkun hemm riskji potenzjali ta' distorsjoni minħabba li s-servizzi li jiefqu darba u dawk bla waqfien se jkunu koperti bl-istess mod. Madankollu, bil-prezzijiet attwali tal-karbonju, il-probabbiltà ta' distorsjonijiet hija negliġibbli bl-għażliet kollha.

#### 4.3. **Impatt fuq l-isforz amministrattiv u l-fattibilità**

L-għażla ibrida tista' tiġi implimentata skont is-sistema tal-MRV attwali. Il-kopertura iktar baxxa tat-titjiriet lil hinn miż-ŻEE se tiġi riflessa billi jittieħed perċentwal innaqqas b'mod proporzjonali tal-konsum totali ta' fjuwil (kif inhu attwalment irrappurtat għat-titjira sħiħa). L-għażliet ta' titjiriet li jkunu se jitolqu, nofs bin-nofs u li "twaqqaf l-arloġġ" ma jeħtieġu l-ebda bidla fis-sistema tal-MRV attwali. L-għażla upstream tinvolvi bidliet sinifikanti minħabba li l-fornituri tal-fjuwil jsiru entitajiet responsabbli. Wieħed għandu jistenna dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni ta' din l-għażla.

#### 4.4. **Impatt fuq il-konsistenza mal-liġi tal-avjazzjoni internazzjonali u l-politika tal-ICAO**

Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ċaħdet id-dikjarazzjoni li l-EU ETS se tikser is-sovranità ta' stati oħra u kkonfermat il-kompetenza tal-UE biex tapplika l-ETS għall-emissjonijiet totali ta' titjiriet li jaslu u jitolqu f'ajrudromi li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru. Peress li l-għażliet kollha jibqgħu japplikaw biss għal titjiriet li jaslu u jitolqu u ma jinkludux t-titjiriet ta' tranżitu, dawn huma f'konformità mal-prinċipji rispettivi tad-dritt internazzjonali konswetudinarju, il-Ftehimiet tal-Konvenzjoni ta' Chicago u s-Servizzi tal-Ajru.

Meta tiġi mqabbla mal-għażliet l-oħra, l-għażla ibrida se jkollha l-vantaġġ ta' aċċettabbiltà politika internazzjonali akbar minħabba li se tillimita b'mod effettiv il-kopertura tal-emissjonijiet fiż-ŻEE. Fir-rigward tal-għażla upstream, jeżisti riskju legali li din l-għażla titqies li tikkostitwixxi taxa jew imposta fuq il-fjuwil skont il-Ftehimiet tal-Konvenzjoni ta' Chicago u s-Servizzi tal-Ajru.

### 5. **PARAGUN BEJN L-GĦAŻLIET**

Fl-għażla tagħha bejn il-possibbiltajiet differenti, l-UE għandha tibbilanċja l-effettività ambjentali, il-bidliet possibbli fis-sistema tal-MRV u l-konsistenza tal-għażliet mal-liġi internazzjonali u r-riżoluzzjonijiet (mhux vinkolanti) tal-Assemblea tal-ICAO. L-impatti ekonomiċi mhumiex differenti ħafna mill-għażliet li jbiddu l-bilanċ bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji.

- L-għażla ibrida twassal għal kopertura iktar baxxa ta' 39 għal 47 % meta mqabbla mal-kamp ta' applikazzjoni kollu tal-EU ETS (skont il-kopertura ddefinita ta' 12 jew 200 mil nawtiku) u se tinvolvi xi spejjeż għall-bidliet fis-sistema tal-MRV. Min-naħa tal-benefiċċji, il-kopertura aktar limitata tal-emissjonijiet tipprovdi argumenti addizzjonali biex tiddefendi l-EU ETS kontra d-dikjarazzjonijiet dwar il-ksur ta' sovranità. Din tnaqqas ukoll kwalunkwe distorsjoni potenzjali fir-rigward tat-titjiriet li jiefqu darba u li joperaw flimkien ma' titjiriet diretti.
- L-għażliet ta' titjiriet li jkunu se jitolqu u ta' nofs bin-nofs jofru kopertura ta' 62 % tall-emissjonijiet meta mqabbla mal-kamp ta' applikazzjoni kollu tal-EU ETS u ma

jibdlux is-sistema tal-MRV. Madankollu, peress li dawn l-għażliet mhux se jkunu appoġġati mir-riżoluzzjoni tal-Assemblea tal-ICAO tal-2013, la se jżiedu l-aċċettabilità politika u lanqas joħlqu argumenti legali ġodda biex jiddefendu l-EU ETS.

- Hekk kif l-għażla li "twaqqaf l-arloġġ" tkopri biss 25 % tal-emissjonijiet, mhux se tkun soluzzjoni vijabbli għal terminu twil fid-dawl tal-oġġettivi ambjentali tal-UE għas-settur tal-avjazzjoni.

L-għażla upstream tikseb l-istess kopertura ta' emissjonijiet bħall-għażla ta' titjiriet li jkunu se jtitilqu iżda għandha impatt negattiv fuq il-kompetittività. Barra minn hekk, din tinvolvi bidla totali tal-MRV u riskju ta' sfidi legali ġodda.

Tabella 1 Paragun bejn l-għażliet

	Kamp ta' applikazzjoni kollu tal-EU ETS	Għażla ibrida	Għażla ta' titjiriet li jkunu se jtitilqu; Għażla ta' nofs bin-nofs	Għażla li "twaqqaf l-arloġġ"	Għażla upstream
<b>Effettività ambjentali</b>	100 %	39 sa 47 %	62 %	25 %	62 %
<b>Kompetittività</b>	Impatt żgħir fuq l-ispejjeż u d-domanda	+	+	+	-
<b>Kundizzjonijiet indaqs għall-kompetizzjoni</b>	L-ebda distorsjoni bil-prezzijiet attwali tal-karbonju	++	=	+	=
<b>Sforz u preċiżjoni tal-MRV</b>	Skont il-konsum tal-fjuwil	-	=	=	--
<b>Koerenza mal-liġi tal-avjazzjoni internazzjonali</b>	Legalità kkonfermata mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja	=	=	=	-
<b>Aċċettabilità politika internazzjonali</b>	Oppożizzjoni internazzjonali b'saħħitha	++	=	++	=

- + impatt pożittiv meta mqabbel mal-kamp ta' applikazzjoni kollu tal-EU ETS
- impatt negattiv meta mqabbel mal-kamp ta' applikazzjoni kollu tal-EU ETS
- = l-ebda bidla meta mqabbel mal-kamp ta' applikazzjoni kollu tal-EU ETS

## 6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Skont ir-riżultat tal-Assemblea tal-ICAO tal-2016, jista' jkun hemm bżonn ta' aġġustamenti ulterjuri tal-EU ETS biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni għal miżura globali bbażata fuq is-suq fl-2020. Għalhekk, ġie ssuġġerit li kwalunkwe bidla fl-EU ETS tkun biss temporanja u li wara l-Assemblea tal-ICAO tal-2016, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament u lill-

Kunsill dwar l-azzjonijiet li jridu jiġu implimentati biex il-miżura globali bbażata fuq is-suq tapplika mill-2021.